# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9

It-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku (kien preżenti permezz ta' video call)
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca - Kunsillier

SKUŻATI:

Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 9.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġija

Il-Kunsillier Frankie Attard talab li jkun skużat għal din il-laqgħa. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.3.1 Is-Sindku qal li l-pilastri ta’ fejn hemm il-bankijiet fi Triq Pejpu inqasmu u jridu jitranġaw. Il-Kunsill iddiskuta illi dawn għandhom jinbidlu u jsiru tal-konkos mill-ġdid.

9.3.2 Irċevejna Ċirkulari SPI/SCI/08/2024 – Finanzjament Karnival 2025. Din l-iskema ġiet diskussa imma peress li l-fond huwa ta’ Eur5,000 biss, il-Kunsill iddeċieda li ma japplikax għal din l-iskema peress li mal-Eur5,000 trid toħroġ ħafna aktar biex tagħmel karnival.

9.3.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi tkellimna mas-Sur William Sultana li jieħu ħsieb l-offerti tal-Kunsill dwar l-invoice li l-Kunsill għadu jrid jirċievi minghand Power Sound dwar l-attivita’ ‘Għad-Dell tal-Akwadott’. Il-Kunsill diġa’ jaf li kien hemm nuqqas fl-ammont ta’ nar li nħaraq u s-Sur Sultana qed jissuġġerixxi illi l-Kunsill iqabbad lil xi ħadd li jifhem fin-nar tal-ajru u jtina stima ta’ kemm intefqu flus fin-nar li nħaraq skond ir-rapporti ta’ Karl Carachi u anke John Jay Cauchi. B’hekk inkunu nafu kemm fondi għandhom jitnaqqsu. Madanakollu, il-Kunsill iddeċieda li l-ewwel niktbu lill-ARPA sabiex naraw ir-rispons tagħhom peress li aħjar jiggwidawna huma l-ewwel.

## 9.4 Reviżjoni tar-rata tal-kera tal-garaxxijiet ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku

Is-Sindku qal illi jħoss li wasal iż-żmien illi nirrevedu l-kera tal-garaxxijiet. Bħalissa qegħdin Eur500 il-garaxxijiet iż-żgħar u Eur900 l-kbar, fis-sena. Ġie deċiż illi dawn isiru Eur1,200 iż-żgħar u Eur2,000 l-kbar, fis-sena. Naturalment, dawk li diġa’ għandhom kuntratt eżistenti mal-Kunsill, se jibqgħu bil-kera l-antika. Meta jagħlaq il-kuntratt, dan ikun bil-kera l-ġdida.

## 9.5 Milied 2024

Is-Sindku semma illi l-Kunsill reġa' ltaqa' mal-Għaqdiet tar-raħal li ser jieħdu sehem fl-attivita' 'Notte Natalizia'. Is-Sindku qal li l-Għaqda Nar u Armar Santa Luċija mhux ser jieħdu sehem peress li ser ikollhom il-festa. L-Ghaqda Nar Kercem ser ikunu ndisposti ukoll u għalhekk lanqas ser jieħdu sehem. Is-Sindku qal li mal-Għaqdiet l-oħrajn sar qbil f'kollox u ser ikunu qed jaħdmu ma' xulxin għall-istalls, ikel, eċċ.

Dwar lejlet il-Milied, is-Sindku fakkar illi ser ikun hemm it-train u Father Christmas għat-tfal.

Is-Sindku semma ukoll sabiex isir il-party tal-Milied tal-ħaddiema bħas-soltu u ikla tal-istaff. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 9.6 Sub-letting ta' parti mill-istores/kmamar fil-Playing Field lil Kercem Ajax FC

Is-Sindku qal li kellmuh minn naħa ta' Kercem Ajax FC li qed jitolbu sabiex jużaw xi kmamar li jagħmlu parti mill-Playing Field. Peress li dawn huma devoluti lill-Kunsill, il-Kunsill irid jagħmel talba lil-Lands Authority. Il-Kunsill ma sabx problema sabiex jagħmel dan iżda l-ewwel ser jistenna t-talba uffiċjali minn naħa ta' Kercem Ajax FC.

## 9.7 Ilmenti u Suġġerimenti

9.7.1 Is-Sindku semma illi sabiex ittellgħet l-attivita' Għad-Dell tal-Akwadott kien hemm xi spejjeż extra li jridu jitħallsu, bħal kiri tal-għelieqi, trasport tal-makkinarju u għajnuna fil-ġarr tal-makkinarju. Dawn kollha jridu jitħallsu. Huwa qal li qed nistennew il-fatturi tagħhom sabiex jitħallsu. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

9.7.2 Il-Viċi Sindku qalet illi avviċinawha minn The Malta Foundation for the Wellbeing of Society sabiex jiġi ffurmat Kunsill tat-tfal u jkunu jistgħu jiltaqgħu darba f'xahar u jużaw l-uffiċini tal-Kunsill. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

9.7.3 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca għamel dawn it-talbiet:

- Illi ssir kaxxa ta' no parking quddiem garaxx fi Triq San Girgor bħalma hemm quddiem il-garaxxijiet kollha l-oħra. Ħadd ma sab oġġezzjoni.
- Sabiex tintefa' ftit torba fuq Għar Ilma. Ġie deċiż li nagħmlu talba bis-sistema tal-MGOZ.
- Biex jitnaddaf it-tajn f'Wied il-Mans. Ġie deċiż li nqabbdu lill-kuntrattur tal-Kunsill.
- Biex titranġa parti mill-konkos f'passaġġ f'Wied il-Mans. Ġie deċiż li nagħmlu talba bis-sistema tal-MGOZ.
- Biex jitranġaw xi ħitan f'passagg taħt Farsons. Ser nagħmlu talba għalihom bis-sistema tal-MGOZ.
- Sabiex issir zebra crossing fi Triq San Girgor in-naħa t'isfel. Ġie diskuss illi

tista' tkun ta' periklu peress li tkun fil-kantuniera. Ser naraw fejn l-aħjar li tista' tiġi u filkas napplikaw ma' TM u anke jtuna parir minn naħa tagħhom.

9.7.4 Saret talba minn resident sabiex isir double yellow line u kaxxa quddiem entratura fi Triq Ġużeppi Briffa. Is-Sindku qal li huwa tal-idea illi l-ewwel isir it-traffic management plan u naraw il-Perit x'jissuġġerixxi.

9.7.5 Saret talba minn residenta fi Triq ix-Xagħri sabiex issir kaxxa ta' no parking ta' metru quddiem l-entratura tagħha peress li hemm il-bankina dejqa u meta jipparkjaw quddiemha ma tkunx tista' tidħol sewwa. Ġie deċiż li napplikaw ma' TM.

9.7.6 Residenta ġiet il-Kunsill tilmenta sabiex isir bandli f'Santa Luċija. Il-Kunsill Lokali m'għandux postijiet f'Santa Luċija biex jagħmel dan.

9.7.7 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi hemm il-ħsieb illi ssir attivita' mill-Kunsill flimkien mal-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar u l-Għaqdiet tar-raħal f'Mejju 2025. Dwar dan irid ikollna aktar informazzjoni aktar 'l quddiem.

## 9.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 9.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-1.55pm u ġiet aġġornata għad-9 ta' Diċembru, 2024 fin-12.30pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv